



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

15834/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0425 (NLE)**

---

**ECOFIN 1255**  
**UEM 404**  
**FIN 1215**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-  
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-  
valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Kroazja

---

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Kroazja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (national recovery and resilience plan, “RRP”) mill-Kroazja fit-8 ta’ Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-28 ta’ Lulju 2021 il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021”)<sup>1</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura ta’ kull Stat Membru kellha tiġi aġġornata sat-30 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta’ dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fil-31 ta’ Awwissu 2023, il-Kroazja ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitolu REPowerEU f’konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f’konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta sabiex id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-Deċiżjoni tat-28 ta’ Lulju 2021 tiġi emendata f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki għall-RRP ippreżentati mill-Kroazja jikkonċernaw 43 miżura.

---

<sup>1</sup> Ara d-dokumenti ST 10687/21 u ST 10687/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (5) L-RRP modifikat jinkludi wkoll talba għal aktar appoġġ fil-forma ta' self skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kroazja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Kroazja, *inter alia*, tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tiffinalizza l-qafas leġislattiv mhux komplut, tissimplifika l-proċeduri amministrattivi għall-ħruġ ta' permessi, tissimplifika l-proċeduri għall-istallazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tipprovdi aktar ċertezza legali. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Kroazja tappoġġa l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira, tkompli taġġorna l-grilji tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, u tavvanza l-użu ta' miters intelliġenti. Barra minn hekk, il-Kunsill appella lill-Kroazja taċċellera l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluż l-istallazzjoni ta' pompi tas-sħana. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Kroazja tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fis-settur tat-trasport billi jiġu promossi soluzzjonijiet sostenibbli, b'mod partikolari l-ferroviji u l-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq, u ż-żieda tal-isforzi ta' politika bil-għan tal-provvediment u l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

- (7) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, li jinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Talba għal self ibbażata fuq l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (8) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Kroazja jinkludi talba għal appoġġ fil-forma ta' self biex tappoġġa 18-il miżura addizzjonali li jikkonsistu minn 13-il investiment u ħames riformi.
- (9) Il-Kroazja talbet appoġġ fil-forma ta' self għall-miżuri relatati mas-settur finanzjarju, l-ilma mormi u l-ġestjoni tal-provvista tal-ilma, kif ukoll l-edukazzjoni primarja, b'mod partikolari miżuri ġodda skont il-komponenti 1.1 (Ekonomija reżiljenti, ekoloġika u diġitali), 1.3 (It-titjib tal-ġestjoni tal-ilma u l-ġestjoni tal-iskart), 1.4 (L-iżvilupp ta' sistema tat-trasport kompetittiva, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija), 2.1 (Tisħiħ tal-kapaċità għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki u proġetti pubbliċi), C2.2 (Aktor titjib fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika), 2.3 (Tranżizzjoni diġitali tas-soċjetà u tal-amministrazzjoni pubblika, 3.1 Riforma tas-sistema edukattiva), 4.3 (It-titjib tas-sistema ta' protezzjoni soċjali), 5.1 (It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa) u l-inizjattiva 6.1 (Rinnovazzjoni ta' bini). Xi wħud minn dawn il-miżuri ġodda jibnu fuq miżuri eżistenti inklużi fl-RRP inizjali.

- (10) Fil-komponent 1.1 (Ekonomija reżiljenti, ekoloġika u diġitali) żewġ riformi ġodda (ir-Riforma C1.1.1 R5 Id-diversifikazzjoni ta' swieq kapitali u t-titjib ta' aċċess għall-finanzjament alternattiv u r-Riforma C1.1.1 R7 L-istabbiliment tal-Forum għall-Appoġġ tal-Finanzi Sostenibbli) jindirizzaw ir-rwol tas-settur finanzjarju fil-finanzjament tal-ekonomija. L-adozzjoni ta' qafas strateġiku u pjanijiet ta' azzjoni għall-iżvilupp tas-swieq kapitali tipprovdi analiżi tal-ambjent attwali u tidentifika miżuri konkreti biex jiddiversifikaw is-swieq kapitali u jtejbu l-aċċess għall-finanzjament alternattiv. Riforma ulterjuri ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tas-settur finanzjarju għat-tranżizzjoni ekoloġika, billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u billi tidentifika miżuri biex jappoġġaw il-finanzi sostenibbli fil-Kroazja.
- (11) Fil-komponent 1.3 (It-titjib tal-ġestjoni tal-ilma u l-ġestjoni tal-iskart) riforma waħda u żewġ investimenti ġodda jibnu fuq il-miżuri eżistenti inklużi fl-RRP inizjali (ir-Riforma C1.3 R1 L-implimentazzjoni tal-programm tal-ġestjoni tal-ilma, l-Investment C1.3 R1-I1 Programm pubbliku għall-iżvilupp tad-drenaġġ u l-Investment C1.3 R1-I2 Programm ta' żvilupp għall-provvista pubblika tal-ilma). L-investimenti addizzjonali jappoġġaw il-kostruzzjoni u r-rikostruzzjoni tan-network pubbliku tal-provvista tal-ilma u tad-drenaġġ u l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, bil-għan li jżidu l-għadd ta' abitanti li jibbenefikaw mit-titjib fl-aċċess għat-trattament tal-ilma mormi u għas-sistemi tal-provvista tal-ilma. Il-Kroazja pproponiet ukoll li tintroduċi riformi addizzjonali biex issaħħaħ ir-rwol tar-regolatur indipendenti tal-ilma, tadotta pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u lokali dwar it-tnaqqis tat-telf tal-ilma u tistabbilixxi korp nazzjonali għall-monitoraġġ tat-telf tal-ilma.

- (12) Fil-komponent 1.4 (L-iżvilupp ta' sistema tat-trasport kompetittiva, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija), miżura waħda (l-Investment C1.4. R1-I1 Sistema elettronika ta' pedaġġ) iżżid il-livell ta' ambizzjoni tal-investment billi tipprevedi l-introduzzjoni ta' sistema elettronika ġdida ta' pedaġġ għat-taqsimiet kollha tat-toroq pubbliċi mħaddma mill-Croatian Motorways Ltd, kif ukoll għall-Highway Zagreb-Macelj (AZM) u BINA Istra.
- (13) Fil-komponent 2.2 (Aktar titjib fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika), il-Kroazja pproponiet li żżid l-ambizzjoni ta' riforma waħda (C2.2 R2 Mudelli ġodda tal-pagi u tax-xogħol fis-servizz ċivili u pubbliku) billi żżid objettiv intermedju ġdid li jipprevedi d-dħul fis-seħħ ta' liġijiet sekondarji li jirregolaw il-mudelli ġodda tal-pagi u sistema ċentralizzata għall-għażla fis-servizz ċivili u fl-amministrazzjoni pubblika.
- (14) Fil-komponent 2.3 (Tranżizzjoni diġitali tas-soċjetà u tal-amministrazzjoni pubblika), il-miżura ġdida (l-Investment C2.3 R3-I17 L-Istabiliment tar-Reġistru tal-popolazzjoni, il-familja u l-unitajiet domestiċi) tikkonċerna l-istabiliment ta' reġistru tal-popolazzjoni, il-familji u l-unitajiet domestiċi biex jipprovdi *data* dwar id-dħul u l-assijiet tal-popolazzjoni, tal-familji u tal-unitajiet domestiċi, billi tiġi rkuprata *data* minn reġistri u sistemi tal-informazzjoni differenti. L-investment għandu l-għan li jipprovdi statistika preċiża u aġġornata essenzjali għall-ħidma ta' korpi pubbliċi sabiex tgħaqqad il-proċeduri u d-definizzjonijiet użati għall-valutazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont id-dħul jew l-assijiet ta' individwi, familji jew unitajiet domestiċi.

- (15) Fil-komponent 3.1 (Riforma tas-sistema edukattiva), miżura waħda (l-Investment C3.1 R1-I4 Kostruzzjoni, titjib, rikostruzzjoni u tagħmir ta' skejjel primarji għal taħlim ta' ġurnata sħiħa b'xift wieħed) tibni fuq miżura eżistenti inkluża fl-RRP inizjali (l-Investment C3.1 R1-I2) biex iżżid il-perċentwal ta' studenti li jattendu skejjel primarji b'xift wieħed minn 70 % għal 100 %.
- (16) Il-Kroazja pproponiet ukoll li tittrasferixxi seba' miżuri mit-taqsimha tal-appoġġ li ma jitħallasx lura tal-RRP inizjali għat-taqsimha rigward l-appoġġ fil-forma ta' self mingħajr ma taffettwa l-ambizzjoni tagħhom. Dawn il-miżuri huma l-investment C1.4 R2-I1 (Ir-rikostruzzjoni tat-tieni binarju tas-sezzjoni ferrovjarja Dugo Selo - Novska, is-subsezzjoni Kutina - Novska (il-fażi D) li jipprevedi l-aġġornament tal-infrastruttura ferrovjarja skont il-komponent 1.4 (L-iżvilupp ta' sistema tat-trasport kompetittiva, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija), l-investment C2.1 R1-I2 (It-tiħiħ tal-kapaċità fl-ippjanar strateġiku u regolamentazzjoni aħjar li jipprevedi l-iżvilupp ta' moduli tat-taħriġ u t-twassil ta' taħriġiet biex itejjeb l-kapaċitajiet ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fuq inizjattivi tal-ippjanar strateġiku u tar-regolamentazzjoni aħjar skont il-komponent 2.1 (Tiħiħ tal-kapaċità għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki u proġetti pubbliċi), l-investment C4.3 R3-I2 Titjib tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-assistenza soċjali u l-konnessjoni taċ-ċentri tal-assistenza soċjali mal-fornituri tas-servizzi soċjali skont il-komponent 4.3 (It-titjib tas-sistema ta' protezzjoni soċjali) u l-investment C5.1 R1-I1 Introduzzjoni ta' spiżeriji mobbli fil-kura primarja, l-investment C5.1 R1-I2 Unitajiet mobbli għall-kura outpatient, l-Investment C5.1 R1-I3 Kostruzzjoni u tagħmir ta' unitajiet ta' iżolament kliniku (3, 4 u 1/5 tal-bini) Klinikha tal-Mard Infettiv "Dr Fran Mihaljević", l-Investment C5.1 R4-I6 Ġestjoni tal-iskart fiċ-Ċentru Klinikha tal-Isptar KBC Zagreb skont il-komponent 5.1 (It-tiħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa).



- (17) Il-Kroazja talbet l-appoġġ fil-forma ta' self biex tintroduċi riforma ġdida C6.1 R7 L-użu ċirkolari ta' skart tal-kostruzzjoni minn bini bi status ta' bene kulturali: Proġett pilota li jesplora l-iskambju u l-possibbiltajiet kummerċjali skont l-inizjattiva 6.1 Rinnovazzjoni ta' bini. Il-Kroazja pproponiet li żżid l-ambizzjoni tal-miżura C6.1 R1-I3 Ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini bl-istatus ta' beni kulturali billi żżid objettiv intermedju ġdid rigward l-iżvilupp ta' Linji Gwida għar-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini bl-istatus ta' bene kulturali (C6.1 R1-I4).

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241

- (18) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Kroazja jaġġorna erba' miżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Il-Kroazja spjegat li, minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima naqset minn EUR 6 295 431 146<sup>1</sup> għal EUR 5 510 316 213<sup>1</sup>, ma għadux possibbli li jiġu ffinanzjati l-miżuri kollha tal-RRP oriġinali. Il-Kroazja spjegat li jenħtieġ li ċerti miżuri jitneħħew u jiġu modifikati minħabba n-nuqqas fl-allokazzjoni.

---

<sup>1</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tal-Kroazja tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

- (19) L-RRP modifikat ma għadux jinkludi ċerti miżuri fil-komponent 1.1 (Ekonomija reżiljenti, ekoloġika u diġitali) u fil-komponent 1.2 (Tranżizzjoni tal-enerġija għal ekonomija sostenibbli). Dawn il-modifiki jikkonċernaw l-investiment C1.1.2 R3-I1 (It-tnejn ta' dokumenti strateġiċi għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tal-intelliġenza artifiċjali) taħt il-komponent 1.1 (Ekonomija reżiljenti, ekoloġika u diġitali) u t-tnejn ta' tal-mira 56 u l-mira 58 mill-investiment C1.2 R1-I4 (Bijoraffinerija għall-produzzjoni ta' bijokarburanti avvanzati Sisak) taħt il-komponent 1.2 (Tranżizzjoni tal-enerġija għal ekonomija sostenibbli). Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li jitneħħew il-miżuri msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (20) Barra minn hekk, l-RRP modifikat ippreżentat mill-Kroazja jbidel miżuri fil-komponent 1.2 (Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija), l-investiment C1.2 R1-I2 (L-użu tal-idroġenu u tat-teknoloġiji ġodda) biex jimmodifika l-oġettiv intermedju 54 u l-komponent 2.6 (Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni), ir-riforma C2.6 R4 (It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rimedju ġudizzjarju fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku) il-mira 246 biex iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata billi jnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa. Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li jiġu modifikati l-oġettiv intermedju u l-mira msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (21) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Kroazja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 39 miżura.

(22) Il-Kroazja spjegat li 14-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fil-limitu ta' żmien tal-RRP oriġinali minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Dawk l-14-il miżura jinkludu l-mira 15 tal-investment C1.1.1 R4-I1 (Appoġġ għall-intrapriżi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi) fil-komponent 1.1 (Ekonomija reżiljenti, ekoloġiku u diġitali) minħabba nuqqas mhux previst fir-rispons għall-akkwist; kif ukoll; il-miżuri li ġejjin taħt il-komponent 1.3 (It-titjib tal-ġestjoni tal-ilma u l-ġestjoni tal-iskart): il-mira 61 tar-riforma C1.3 R1 (L-implimentazzjoni tal-programm tal-ġestjoni tal-ilma) minħabba diffikultajiet proċedurali u deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li tawlet il-proċedura tal-amalgamazzjonijiet; il-miri 77 u 78 tal-investment C1.3 R1-I3 (Programm għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri) minħabba avvenimenti tat-temp severi u mhux mistennija jdewmu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni; u l-miri 85, 86, 87 u 89 tal-investment C1.3 R2-I1 (Programm għat-tnaqqis tar-rimi tal-iskart) minħabba dewmien mhux mistenni matul xogħlijiet tal-akkwist pubbliku u ta' kostruzzjoni. Ġew introdotti oġġettivi intermedji u miri addizzjonali fl-investment C1.3 R2-I1 biex iżommu l-istess livell ta' ambizzjoni. L-14-il miżura jinkludu wkoll il-miżuri li ġejjin taħt il-komponent 2.3 (Tranżizzjoni diġitali tas-soċjetà u tal-amministrazzjoni pubblika): il-mira 178 tar-riforma C2.3 R2-I1 (L-istabbiliment tas-sistema ta' interoperabbiltà ċentrali) minħabba d-dewmien fil-proċeduri fil-livell tal-Unjoni li huma rilevanti għall-istabbiliment tas-sistema u l-mira 188 tal-investment C2.3 R3-I7 (It-titjib tas-sistema tal-ippjanar spazjali, il-kostruzzjoni u l-assi tal-istat permezz tad-diġitalizzazzjoni) minħabba ċirkostanzi oġġettivi lil hinn mill-kontroll tal-ministeru kompetenti, jiġifieri terremoti fil-Kroazja u n-neċessità sussegwenti li r-riżorsi jiġu diretti fil-leġiżlazzjoni relatata mar-rikostruzzjoni wara t-terremot.

Huma jinkludu wkoll l-objettiv intermedju 298 tar-riforma C4.2 R1 (Żieda fl-adegwatezza tal-pensjonijiet permezz ta' riforma kontinwa tal-pensjonijiet) minħabba li huwa meħtieġ aktar ħin biex il-Bank Dinji jħejji l-analiżi li tiffirma bażi għall-ħidma leġiżlattiva, il-miri 304 u 306 u l-objettivi intermedji 305 u 398 minħabba l-ħin meħtieġ biex tiġi żviluppata alternattiva aħjar biex jiġu indirizzati iċ-ċirkostanzi oġġettivi li nħolqu mit-tnaqqis bla preċedent fil-popolazzjoni u r-rata tal-qgħad baxxa skont ir-riforma C4.3.R1 (Trasparenza u adegwatezza tal-benefiċċji soċjali fis-sistema tal-protezzjoni soċjali) fil-komponent 4.3 (It-titjib tas-sistema ta' protezzjoni soċjali). Huma jinkludu wkoll il-miżuri li ġejjin taħt il-komponent 5.1 (It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa): il-mira numru 326 tal-investment C5.1.R1-I7 (Tagħmir ta' faċilitajiet ġodda għal sptar ta' ġurnata u kirurġija ta' ġurnata u ammissjoni integrata ta' emerġenza fl-isptar u l-adattament tal-Klinika tan-Newrokirurġija fiċ-Ċentru tal-Isptarijiet Kliniċi "KBC Sestre Milosrdnice") minħabba dewmien f'proġett ta' rikostruzzjoni ta' wara terremot, li huwa prekundizzjoni għall-implimentazzjoni tal-miżura modifikata; il-mira numru 335 tal-investment C5.1 R3-I2 (Taħriġ speċjalizzat ta' infermiera u tekniċi fil-mediċina ta' emerġenza); il-mira numru 339 tal-investment C5.1 R4-I1 (Preparazzjoni ċentrali ta' preparazzjonijiet parenterali fi tmien sptarijiet Kroati) minħabba nuqqas ta' persunal mediku speċjalizzat fis-suq tax-xogħol; il-mira numru 344 tal-investment C5.1 R4-I5 (Introduzzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ tal-eżitu tat-trattament għall-kura outpatient b'enfasi fuq pazjenti kroniċi fl-ispiżeriji pubbliċi) minħabba ċirkostanzi oġġettivi li jdewmu l-investment C2.3 R3-I4, li huwa prekundizzjoni għall-implimentazzjoni tal-miżura modifikata;

il-mira numru 345 tal-investiment C5.1 R4-I6 (Ġestjoni tal-iskart f'KBC Zagreb) minħabba l-ħtieġa li jiġi żviluppat studju ta' proġett ġdid li jqis iċ-ċirkostanzi li nbiddu fl-implimentazzjoni tal-proġett, il-mira numru 347 tal-investiment C5.1 R5-I1 (Integrazzjoni diġitali ta' teatri tal-operazzjonijiet u kirurġija robotika f'KBC Split) minħabba xogħol tal-kostruzzjoni addizzjonali mhux ippjanata li dewwem l-investiment globali; u l-mira numru 350 tal-investiment C5.1 R5-I4 (Id-diġitalizzazzjoni u l-integrazzjoni ta' kmamar operattivi mgħammra b'kirurġija robotika fiċ-Ċentru tal-Isptarijiet Kliniċi "KBC Sestre Milosrdnice") minħabba dewmien f'proġett ta' rikostruzzjoni ta' wara terremot, li huwa prekondizzjoni għall-implimentazzjoni tal-miżura modifikata. Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li l-oġettivi intermedji u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (23) Il-Kroazja spjegat li 11-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi, jiġifieri minħabba l-eżistenza ta' alternattiva aħjar. Dawk il-11-il miżura jinkludu, l-oġġettiv intermedju 38 tar-riforma C1.2 R1 (Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija) fil-komponent 1.2 (Tranżizzjoni tal-enerġija għal ekonomija sostenibbli) minħabba li jintlaħaq l-oġġettiv intermedju bi proċedura inqas ikkumplikata, l-oġġettiv intermedju 108 tal-investment C1.4 R2-I7 (It-titjib tas-sistema tal-IT u tal-bejgħ u l-modernizzazzjoni tal-ferroviji mas-sistema tal-IT) minħabba avvanzi teknoloġiċi reċenti u l-abitudnijiet tal-utenti fis-suq tas-servizzi tal-IT għall-ferroviji u l-mira 116 tal-investment C1.4 R4-I1 (L-akkwist ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv għat-trasport pubbliku urban u suburban regolari) minħabba l-fużjoni tal-akkwist pubbliku għall-miżura oriġinali u l-espansjoni tal-parti tal-miżura fil-komponent 1.4 (L-iżvilupp ta' sistema tat-trasport kompetittiva, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija), Dawn jinkludu wkoll: l-oġġettiv intermedju 137 tal-investment C1.5 R3-I3 (L-istabbiliment ta' sistema ta' informazzjoni dwar it-traċċabbiltà) fil-komponent 1.5 (It-titjib tal-użu tar-riżorsi naturali u t-tishiġ tal-katina tal-provvista tal-ikel) minħabba l-estensjoni tal-ambitu tal-kopertura tas-sistema tal-IT biex jinkludi għadd akbar ta' prodotti, filwaqt li jinżamm l-istess livell ta' kost, il-mira 145 tal-investment C1.6. R1-I1 (Id-diversifikazzjoni reġjonali u l-ispeċjalizzazzjoni tat-turiżmu Kroat permezz ta' investimenti fl-iżvilupp ta' prodotti tat-turiżmu b'valur miżjud għoli) fil-komponent 1.6 (L-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli, innovattiv u reżiljenti) minħabba li l-awtoritajiet saħħew l-impenn biex ilestu l-implimentazzjoni tal-proġett ta' investment,

il-mira 147 tal-investiment C1.6. R1-I2 (It-tiżni tal-kompetittività tal-intraprendituri u t-trawwim ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fis-settur tat-turiżmu) fil-komponent 1.6 (L-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli, innovattiv u reżiljenti) minħabba li l-awtoritajiet saħħew l-impenn biex ilestu l-implimentazzjoni tal-proġett ta' investiment, il-mira 287 tar-riforma C4.1 R1 (Żvilupp u implimentazzjoni ta' politiki attivi ġodda mmirati għas-suq tax-xogħol għall-finijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tas-suq tax-xogħol) u l-mira 292 tal-investiment C4.1 R3-I1 (Implimentazzjoni ta' kupuni għall-edukazzjoni, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet għall-adulti) fil-komponent 4.1 (It-titjib tal-miżuri dwar l-impjiegi u l-qafas legali għal suq tax-xogħol modern u l-ekonomija tal-futur) minħabba xejriet pożittivi fis-suq tax-xogħol. Dawn jinkludu wkoll: il-mira 331 tal-investiment C5.1 R2-I1 (Xiri ta' tagħmir għall-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament tal-pazjenti bil-kanċer) ibbażata fuq analiżi aġġornata tal-ħtiġijiet futuri li jqisu bidliet fil-popolazzjoni u r-rekwiżit tal-kura tas-saħħa, fil-komponent 5.1 (It-tiżni tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa), il-mira 334 u l-objettiv intermedju ġdid 399 tal-investiment C5.1 R3-I1 (Finanzjament ċentrali għall-ispeċjalizzazzjonijiet) minħabba ċirkostanzi oġġettivi relatati ma' żieda mhux mistennija fir-rata tat-tluq minn taħriġ mediku speċjalizzat fil-komponent 5.1 (It-tiżni tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa), il-mira 361 tar-riforma C6.1 R2 (L-iżvilupp ta' qafas għall-iżgurar ta' ħiliet adegwati fil-kuntest ta' impjiegi ekoloġiċi meħtieġa għar-rikostruzzjoni ta' wara t-terremot) fl-inizjattiva 6.1 (Rinnovazzjoni ta' bini), meta mira għal għadd ta' persuni li jlestu programmi ta' studju tal-esperti tkun ġiet issostitwita bl-istabbiliment u t-tnedija ta' programm master ġdid,

il-miri 356 u 357 fil-komponent C6.1 R1-I2 (C7.2 I2 ġdid) Rinnovazzjoni ta' bini li saritlu ħsara f' terremoti b' rinnovazzjoni tal-enerġija li fiha l-Kroazja pproponiet li tbiddel id-deskrizzjoni tal-mira li twessa' l-lista ta' kontej eliġibbli milquta mit-terremoti. Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li l-objettivi intermedji u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (24) Il-Kroazja spjegat li seba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi, jiġifieri minħabba kwistjonijiet tal-katina ta' provvista. Dan jikkonċerna: il-mira 51 tal-investment C1.2 R1-I3 (L-użu tal-idroġenu u tat-teknoloġiji ġodda) fil-komponent 1.2 (Tranżizzjoni tal-enerġija għal ekonomija sostenibbli); il-miri 119 u 121 tal-investment C1.4 R5-I2 (Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vetturi ġodda ta' mobbiltà u l-infrastruttura ta' appoġġ) fil-komponent 1.4 (L-iżvilupp ta' sistema tat-trasport kompetittiva, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija); l-objettiv intermedju 184 tal-investment C2.3 R2-I4 (Il-konsolidazzjoni tas-sistemi tal-infrastruttura għall-informazzjoni dwar is-saħħa CEZIH), il-mira 200 tal-investment C2.3 R3-I15 (L-istabbiliment ta' soluzzjonijiet għall-applikazzjoni tat-turiżmu bil-għan li jitħaffef il-piż amministrattiv tal-intraprendituri u biex il-mudell tat-turiżmu isir sostenibbli), il-mira 201 tal-investment C2.3 R3-I16 (Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi fl-isport u r-rikreazzjoni fil-livell lokali u reġjonali) fil-komponent 2.3 (Tranżizzjoni diġitali tas-soċjetà u tal-amministrazzjoni pubblika); il-mira 320 tal-investment C5.1 R1-I1 (Introduzzjoni ta' spiżeriji mobbli fil-kura primarja) fil-komponent 5.1 (It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa), u l-mira 321 tal-investment C5.1 R1-I2 (Unitajiet mobbli għall-kura outpatient) fil-komponent 5.1 (It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa). Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li jiġu emendati l-objettivi intermedji u l-miri msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.



(25) Il-Kroazja spjegat li tliet miżuri ma għandhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi, minħabba li l-inflazzjoni għolja żiedet b'mod konsiderevoli l-istima tal-kostijiet tal-miżuri. L-inflazzjoni għolja kienet ikkawżata fil-biċċa l-kbira mill-prezzijiet tal-enerġija, li żdiedu b'mod partikolari minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Madankollu, żdiedu malajr ukoll prezzijiet oħra. Pereżempju, it-tkabbir fil-prezzijiet tal-kostruzzjoni aċċellera b'mod sinifikanti fl-2021 fil-biċċa l-kbira minħabba interruzzjonijiet tal-provvista. It-tliet miżuri kkonċernati huma l-mira 71 tal-investment C1.3 R1-I2 (Programm ta' żvilupp għall-provvista pubblika tal-ilma) fil-komponent 1.3 (It-titjib tal-ġestjoni tal-ilma u l-ġestjoni tal-iskart), fejn tnaqqas l-ammont ta' kilometri mibnija jew mibnija mill-ġdid tan-network tal-provvista tal-ilma; l-investment C3.1 R1-I3 (Kostruzzjoni, titjib, rinnovament u taġmir għall-iskejjel sekondarji) fil-komponent 3.1 (Riforma tas-sistema edukattiva), li l-istima tal-kostijiet tiegħu ġiet aġġornata kif xieraq mingħajr ma nbidel il-pakkett ġenerali għall-miżura; u l-objettiv intermedju 288 tar-riforma C4.1 R2 (Tisħiħ tas-sistema ta' inklużjoni u monitoraġġ ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol permezz ta' titjib fil-proċessi tas-servizzi tal-impjiegi) fil-komponent 4.1 (It-titjib tal-miżuri dwar l-impjiegi u l-qafas legali għal suq tax-xogħol modern u l-ekonomija tal-futur) meta jkun meħtieġ aktar żmien biex jitqiesu ċirkostanzi ekonomiċi ġodda, b'mod partikolari għall-inflazzjoni għolja u xejriet ġodda fis-suq tax-xogħol, fl-analiżi tal-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-qgħad. Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li l-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-miżuri msemmija hawn fuq jiġi emendat fir-rigward ta' ċerti objettivi intermedji jew miri, jew l-istimi tal-kostijiet taġħhom, u li l-iskeda ta' żmien tal-objettiv intermedju 288 tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (26) Il-Kroazja spjegat li żewġ miżuri ma għandhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi lil hinn mill-kontroll tal-ministeru kompetenti u tal-benefiċjarju, jiġifieri minħabba l-kumplessità u t-tul tal-proċeduri biex jistabbilixxu komponenti kruċjali tal-proġetti. Dan jikkonċerna l-miżuri li ġejjin skont il-komponent 1.4 (L-iżvilupp ta' sistema tat-trasport kompetittiva, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija); il-mira 107 tal-investment C1.4 R2-I6 (L-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi fit-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri) u l-mira 118 tal-investment C1.4 R5-I1 (L-elettrifikazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tas-sistema tas-servizzi fuq l-art u tal-provvista tal-enerġija fl-ajruport ta' Zadar). Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li l-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-miżuri msemmija hawn jiġi emendat fir-rigward tal-miri msemmija hawn fuq, u li l-iskedi ta' żmien tagħhom jiġu estiżi. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (27) Il-Kroazja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi, jiġifieri minħabba n-nuqqas ta' domanda għal firma elettronika kwalifikata. Dan jikkonċerna l-mira 185 tal-investment C2.3 R3-I5 (Proġett tal-użu tal-Karta tal-Identità Diġitali) fil-komponent 2.3 (Tranżizzjoni diġitali tas-soċjetà u tal-amministrazzjoni pubblika). Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li l-miżura msemmija hawn fuq tiġi emendata billi testendi l-iskeda ta' żmien tal-mira msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (28) Il-Kroazja talbet ukoll l-użu tar-riżorsi li fadal disponibbli mit-tneħħija ta' miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 biex temenda miżura waħda. Dan jikkonċerna l-miri ġodda 376 u 377 tal-investment C1.2 R1-I1 (Ir-rivitalizzazzjoni, il-bini u d-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u appoġġ lill-infrastruttura għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija) fil-komponent 1.2 (Tranżizzjoni tal-enerġija għal ekonomija sostenibbli). Fuq din il-bażi, il-Kroazja talbet li l-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-miżuri msemmija hawn fuq jiġi emendat billi żżid il-miri msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (29) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Kroazja jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

## Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (30) Ħdax-il żball klerikali ġew identifikati fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw tliet objettivi intermedji, ħames miri u disa' miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fl-14 ta' Mejju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Kroazja. Dawk l-iżbalji klerikali jirrelataw mad-deskrizzjoni tal-miżura tal-mira 185 tal-investiment C2.3 R3-I5 (Proġett tal-użu tal-Karta tal-Identità Diġitali) fil-komponent 2.3 (Tranżizzjoni diġitali tas-soċjetà u tal-amministrazzjoni pubblika); id-deskrizzjoni tal-miżura tar-riforma C2.5 R1 (Iż-żieda fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini) u l-objettiv intermedju 226 tal-investiment C2.5 R1-I3 (Żvilupp ta' sett ta' għodod għall-pubblikazzjoni u t-tiftix ta' deċiżjonijiet tal-qorti) fil-komponent 2.5 (Ġustizzja moderna adattata għall-isfidi tal-ġejjieni); id-deskrizzjoni tal-miżura tal-investiment C1.3 R1-I1 (Programm pubbliku għall-iżvilupp tad-drenaġġ) u l-investiment C1.3 R1-I3 (Programm għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri) fil-komponent 1.3 (It-titjib tal-ġestjoni tal-ilma u l-ġestjoni tal-iskart); l-objettiv intermedju 142 tar-riforma C1.6 R1 (It-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur tat-turiżmu) u l-objettiv intermedju 148 u l-mira 149 tal-investiment C1.6 R1-I3 (It-tisħiħ tal-kapaċità tas-sistema għal turiżmu reżiljenti u sostenibbli) fil-komponent 1.6 (L-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli, innovattiv u reżiljenti); il-mira 272 tal-investiment C3.1 R1-I3 (Kostruzzjoni, titjib, rinnovament u tagħmir għall-iskejjel sekondarji) fil-komponent 3.1 (Riforma tas-sistema edukattiva); ir-Riforma C5.1 R1 (Titjib tal-effiċjenza, il-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa), il-mira 343 tal-investiment C5.1 R5-I5 (Id-diġitalizzazzjoni u t-tagħmir tal-unitajiet dijanjostiċi tal-Isptar Kliniku "KB Merkur") fil-komponent 5.1 (It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

- (31) Biex jiġu allinjati l-istimi tal-kostijiet tal-investment C3.1 R1-I3 (Kostruzzjoni, titjib, rinnovament u tagħmir għall-iskejjel sekondarji) fil-komponent 3.1 (Riforma tas-sistema edukattiva) bid-deskrizzjoni emendata tal-mira 272, żdiedet mira ġdida f'termini ta' klassijiet mibnija jew rinnovati.

Il-kapitolu REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241

- (32) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi riforma ġdida waħda u ħames investimenti ġodda. Ir-riforma C7.2 R4 (L-introduzzjoni ta' mudell ġdid għat-tnejn, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi tal-apprendiment għall-adulti bil-għan tal-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi ekoloġiċi fis-settur tal-kostruzzjoni u moduli xierqa biex tiġi inkoraggjata l-integrazzjoni b'suċċess fis-settur għal ħaddiema barranin minn pajjiżi terzi) hija mistennija tintroduċi mudell ġdid ta' programmi tal-apprendiment għall-adulti bil-għan tal-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi ekoloġiċi fis-settur tal-kostruzzjoni għal ħaddiema mhux tal-UE, u b'hekk tikkontribwixxi għall-objettiv tar-REPowerEU skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (33) L-investiment C7.1 R1-I6 (It-tiŝiħ tal-kapaċitajiet ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tan-network tal-elettriku) huwa mistenni jżid il-kapaċità tat-trażmissjoni tal-elettriku, u jtejjeb it-trażmissjoni tal-elettriku min-Nofsinhar għat-Tramuntana, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettivi tar-REPowerEU skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. L-investiment C7.1 I3 (Iż-żieda fil-kapaċità tat-terminal tal-LNG fil-gżira ta' Krk u t-tiŝiħ tal-infrastruttura tal-gass) jikkonċerna l-espansjoni tat-terminal tal-LNG fil-gżira ta' Krk u l-espansjoni tal-pipelines tal-gass rilevanti lejn is-Slovenja u l-Ungerija, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettivi tar-REPowerEU skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/241. L-investiment C7.1 R1-I2 (L-istabbiliment ta' ekonomija bbażata fuq l-idroġenu (permezz tal-Wied tal-Idroġenu fit-Tramuntana tal-Adrijatiku)) jikkonċerna l-kofinanzjament ta' proġetti tal-idroġenu rinnovabbli, il-ħatra tal-Aġenzija Kroata għall-Idrokarburi bħala l-korp ta' koordinazzjoni għall-idroġenu fil-Kroazja, l-adozzjoni tal-pjan u l-programm għall-iżvilupp tal-idroġenu, il-modifika retroattiva ta' ħames lokomottivi diżil għall-idroġenu u l-kostruzzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-idroġenu, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettivi tar-REPowerEU skont l-Artikolu 21c(3), il-punti (b) u (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. L-investimenti C7.1 R1-I3 u C7.1 R1-I4 (It-tiŝiħ tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport u t-tiŝiħ) jikkonċernaw l-esplorazzjoni ġeotermali għall-iskop ta' tiŝiħ distrettwali, il-produzzjoni ta' bijometan sostenibbli, it-tnejjija tal-pjan għall-iżvilupp tal-potenzjal tal-ġeotermali u ċ-ċertifikazzjoni tal-bijogass, u l-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tal-iċċarġjar għal xarabanks tal-elettriku, u b'hekk jikkontribwixxu għall-oġġettivi tar-REPowerEU skont l-Artikolu 21c(3), il-punti (b) u (e), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Il-kontribuzzjoni tal-miżuri tal-REPowerEU għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li ssaħħaħ in-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, iżda wkoll ittejjeb id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass tal-Unjoni, hija mistennija tassisti fit-tnaqqis tar-riskju ta' prezzijiet għoljin tal-elettriku. Dan huwa mistenni jibbenefika lill-konsumaturi kollha inklużi dawk l-aktar vulnerabbli. Il-kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll l-espansjoni tal-miżuri li jaffettwaw seba' miżuri fil-komponenti 1.2 (Tranżizzjoni tal-enerġija għal ekonomija sostenibbli) u 1.4 (L-iżvilupp ta' sistema tat-trasport kompetittiva, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija) u l-inizjattiva 6.1 (Rinnovazzjoni ta' bini). L-espansjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU tintroduċi titjib sostantiv fil-livell ta' ambizzjoni tal-miżuri diġà inklużi fl-RRP nazzjonali.

- (34) F'konformità mal-Artikolu 21c(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li tqis tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima ta' EUR 785 miljun, il-Kroazja inkludiet fil-kapitolu REPowerEU tliet miżuri li diġà kienu jinsabu fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021. Dawk il-miżuri ġew riflessi f'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni fil-komponent 1.2 (Tranżizzjoni tal-enerġija għal ekonomija sostenibbli), l-investment C1.2 R1-I2 (L-użu tal-idroġenu u tat-teknoloġiji ġodda), l-investment C1.2 R1-I4 (Il-bijoraffinerija għall-produzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati Sisak) u l-inizjattiva 6.1 (Rinnovazzjoni ta' bini) u l-investment C6.1 R1-I2 (Rinnovazzjoni ta' bini li saritlu ħsara f'terremoti b'rinnovazzjoni tal-enerġija).
- (35) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastru

- (36) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-Anness V, il-kriterju 2.1, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastru kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi li jħabbat wiċċu magħhom l-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (37) L-RRP modifikat tal-Kroazja jilħaq il-miri ekoloġiċi u diġitali tar-Regolament (UE) 2021/241, u għalhekk jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ewwel żewġ pilastru tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament. Il-miżuri li jikkontribwixxu għal dawk iż-żewġ pilastru jiġu distribwiti bejn komponenti differenti. Il-kapitolu REPowerEU fih sett bilanċjat ta' riformi u investimenti ġodda f'diversi komponenti li, flimkien ma' diversi miżuri eżistenti, li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kontribuzzjoni għat-  
tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u għall-pilastru ta' koeżjoni soċjali u territorjali tiġi kkonfermata mill-introduzzjoni ta' miżuri ġodda u l-espansjoni ta' dawk eżistenti. Miżuri modifikati minn diversi komponenti jkomplu jikkontribwixxu għall-pilastru ta' reżiljenza ekonomika, soċjali, istituzzjonali u tas-saħħa, filwaqt li l-espansjoni ta' investimenti fl-edukazzjoni ssaħħa il-kontribuzzjoni għall-pilastru ta' politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss billi żżid b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni fir-riforma tas-sistema tal-edukazzjoni primarja.



L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti tal-isfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Kroazja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (39) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati b'mod formali mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-RRP modifikat mill-Kummissjoni. Peress li żdied l-appoġġ mitlub mill-Kroazja wara t-talba għal self addizzjonali biex jiġu appoġġati miżuri li ma jindirizzawx b'mod esklużiv l-oġġettivi tal-REPowerEU, jitqiesu r-rakkomandazzjoni strutturali kollha tal-2022 u tal-2023 fil-valutazzjoni ġenerali. Ir-rakkomandazzjonijiet strutturali fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (country-specific recommendations, CSRs) tal-2022 u tal-2023 huma relatati mas-settur tal-enerġija.
- (40) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew tal-2023, il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2020 dwar iż-żamma ta' miżuri biex jipprovdu l-likwidità lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-ħaddiem għal rasu ġiet implimentata bis-sħiħ. Sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet 4.4 tal-2019 u 3.2 tal-2020 dwar it-tnaqqis tal-imposti parafiskali l-aktar ta' piż.

(41) B'mod ġenerali, l-RRP modifikat jikkomplementa l-RRP inizjali fl-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi soċjali kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Kroazja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari l-isfidi b'rabta mas-settur tal-enerġija identifikati permezz tar-rakkomandazzjonijiet ġodda speċifiċi għall-pajjiż mill-2022 u mill-2023. Il-kapitolu REPowerEU tal-Kroazja jinkludi l-espansjoni tal-miżuri u miżuri ġodda fin-networks tal-enerġija (li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet 3.3 tal-2022 u 3.4 tal-2023), l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-idroġenu rinnovabbli (li jindirizza r-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019, ir-rakkomandazzjoni 3.8 tal-2020, ir-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2022 u r-rakkomandazzjonijiet 3.1 u 3.2 tal-2023), ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini (li tindirizza r-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019, ir-rakkomandazzjoni 3.4 tal-2022 u r-rakkomandazzjonijiet 3.1 u 3.5 tal-2023), l-infrastruttura tal-LNG u tal-gass (li tindirizza r-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2022), it-trasport b'emissjonijiet żero (li jindirizza r-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019, ir-rakkomandazzjoni 3.7 tal-2020, ir-rakkomandazzjoni 3.5 tal-2022 u r-rakkomandazzjonijiet 3.1 u 3.6 tal-2023) u l-ħiliet ekoloġiċi (li jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni 3.7 tal-2023). B'mod aktar speċifiku, l-espansjoni tar-riformi u r-riformi ġodda skont il-kapitolu REPowerEU, jgħid li jintroduzzjoni ta' sistema ġdida għall-awtokonsum ta' produzzjoni rinnovabbli żgħira, sett ta' studji għall-ħżin ġeoloġiku taħt l-art ta' CO<sub>2</sub> fil-Kroazja, il-ħatra tal-Aġenzija Kroata għall-Idrokarburi bħala l-korp ta' koordinazzjoni għall-idroġenu fil-Kroazja, il-pjan u l-programm għall-iżvilupp tal-idroġenu, il-pjan għall-iżvilupp tal-potenzjal tal-ġeotermali, il-pjan għall-produzzjoni u l-użu ta' bijofjuwils fit-trasport, u ċ-ċertifikazzjoni tal-bijogass jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019, ir-rakkomandazzjoni 3.8 tal-2020, ir-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2022 u r-rakkomandazzjonijiet 3.1 u 3.2 tal-2023.

- (42) L-RRP modifikat fih investimenti oħra u l-espansjoni ta' miżuri li għandhom l-għan li jkomplu jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Iż-żieda tal-baġit li għandha tiġi allokata lil C3.1 R1-I4 Kostruzzjoni, titjib, rikostruzzjoni u tagħmir ta' skejjel primarji għal taġlim ta' ġurnata sħiħa b'xift wieħed, b'EUR 1 biljun issaħħaħ b'mod sinifikanti l-kontribuzzjoni biex tindirizza r-rakkomandazzjoni 2.1 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 2.4 tal-2020. L-espansjoni addizzjonali ta' investimenti fil-provvista pubblika tad-drenaġġ u tal-ilma tindirizza r-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 3.6 tal-2020.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jkollu impatt kbir (klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Kroazja, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġħ, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk itejjeb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

- (44) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fih investimenti li jkollhom l-għan li jaçcelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika, jiżguraw ir-reżiljenza fil-konfront ta' aktar xokkijiet tal-enerġija u jilhq u l-obiettivi tar-REPowerEU. B'mod partikolari, il-Kroazja inkludiet miżuri ġodda biex tippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli, iżżid il-kapaçità tas-sistema tal-elettriku, taçcellera l-ekonomija tal-idroġenu, ittejjeb l-effiçjenza enerġetika u tattira l-kapital għal attivitajiet sostenibbli.
- (45) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll riżorsi addizzjonali biex jespandu l-miżuri eżistenti fit-trasport, il-ġestjoni tal-ilma u l-edukazzjoni li huma previsti jkomplu jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u jagħtu spinta lir-reżiljenza ekonomika u soçjali.
- (46) L-RRP modifikat huwa mistenni jsaħħaħ it-tkabbir ekonomiku diġà fit-terminu qasir u medju, bl-impatt imdaqas stmat fuq il-PDG ta' investimenti produttivi, fosthom it-taħriġ u l-edukazzjoni, u b'aktar effetti pożittivi mir-riformi proposti. L-RRP modifikat jaġġusta l-allokazzjoni ta' riżorsi biex jilhq u l-effiçjenza oġhla tagħhom fl-iffaçilitar tat-tagħlim tul il-ħajja u l-akkwist ta' ħilet ekoloġiçi u diġitali, fosthom tal-gruppi vulnerabbli.

## La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (47) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi f' dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (48) L-PPR modifikat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” billi jsegwi l-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”<sup>2</sup>. Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tal-modifika tal-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni mwettqa għall-verżjoni oriġinali tal-RRP. L-informazzjoni pprovduta tippermetti li jiġi konkluż li l-RRP modifikat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

<sup>2</sup> ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (49) F'konformità mal-Artikolu 21c(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja, il-Kummissjoni tqis li l-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” jenħtieġ li ma tapplikax għall-investiment C7.1 I3 fosthom l-espansjoni tat-terminal tal-LNG fil-gżira ta' Krk, kif ukoll l-espansjoni tal-pipeline Zlobin - Bosiljevo, il-pipeline ta' trażmissjoni Bosiljevo – Sisak – Kozarac lejn l-Ungerija, u t-taqsimu Lučko-Zabok tal-interkonnnettur Kroazja - Slovenja.
- (50) B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li l-espansjoni tat-terminal tal-LNG fil-gżira ta' Krk minn 250 000 m<sup>3</sup>/h sa 700 000 m<sup>3</sup>/h (minn 2.9 biljun m<sup>3</sup> kull sena (bcm/sena) għal 6,1 bcm/sena) tgħin biex tnaqqas id-dipendenza fuq il-provvista ta' gass Russu fl-Ewropa tax-Xlokk, b'mod partikolari s-Slovenja u l-Ungerija, li t-tnejn għandhom opzjonijiet limitati ta' rotot tal-provvista tal-gass. L-espansjoni tat-terminal tal-LNG għandha ssir f' sinkronizzazzjoni sħiħa mal-espansjoni tal-infrastruttura interna Kroata tal-pipelines tal-gass biex tiżgura ż-żieda fil-kapaċità tat-trażmissjoni tal-gass lejn is-Slovenja u l-Ungerija. Il-kontribuzzjoni tal-miżura biex tnaqqas id-dipendenza tal-provvista Russa, u b'hekk ittejjeb is-sigurtà tal-provvista, għet ikkonfermata wkoll fl-Anness III tal-Komunikazzjoni dwar il-Pjan REPowerEU, ibbażata fuq il-valutazzjoni tan-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (European Network of Transmission System Operators for Gas, ENTSOG). Meta jitqies li d-domanda fis-sena tal-Kroazja, is-Slovenja u l-Ungerija ta' 14-il bcm/sena hija aktar mid-doppju meta mqabbla mal-kapaċità estiża tat-terminal tal-LNG ta' 6,1 bcm/sena, il-miżura hija proporzjonata. Tqiesu alternattivi aktar nodfa bħall-idroġenu rinnovabbli, iżda dawn ma jistgħux jitqiesu bħala alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli li tista' tintuża fi skeda ta' żmien komparabbli, sa tmiem l-2026.

Filwaqt li jitiqies li l-proġetti tat-trażmissjoni tal-gass kollha għandhom teknikament jitħejjew biex jittrasportaw l-idroġenu, u li kapaċità addizzjonali limitata tat-terminal tal-LNG hija l-minimu meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass Russu mill-ġirien tal-Kroazja, ir-riskju ta' effett ta' intrappolament tal-klijentela jitiqies li tnaqqas. Għalhekk, abbażi tal-analiżi tad-dokumenti ta' sostenn pprovduti mill-Kroazja, il-Kummissjoni vvalutat b'mod pożittiv li l-miżura hija meħtieġa u proporzjonata biex tissodisfa l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-provvista, filwaqt li tqis alternattivi fattibbli aktar nodfa u r-riskju ta' effett ta' intrappolament tal-klijentela, f'konformità mal-Artikolu 21c (6), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (51) Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali rilevanti jikkonfermaw li l-proġetti għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-qafas legali ambjentali nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, sabiex jgħinu jnaqqsu l-ħsara b'mod partikolari billi jiproteġu l-kwalità tal-arja, il-korpi tal-ilma, il-ħamrija u l-bijodiversità. Pjan tal-ġestjoni tal-iskart huwa previst mill-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, li jipprevedi l-ġbir separat tal-iskart municijali u materjali perikolużi. Riskji klimatiċi fiżiċi għall-proġett tal-infrastruttura tan-network tal-gass għandhom jiġu identifikati billi titwettaq valutazzjoni robusta tar-riskju klimatiku u tal-vulnerabbiltà. Id-daqs tal-miżura mhuwiex akbar minn dak meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni. Abbażi tal-analiżi tad-dokumenti ta' sostenn pprovduti mill-Kroazja, il-Kummissjoni tqis li twettqu sforzi sodisfaċenti biex jillimitaw il-ħsara potenzjali lill-objettiv ambjentali, meta fattibbli, f'konformità mal-Artikolu 21c(6), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (52) L-espansjoni tat-terminal tal-LNG fil-gżira ta' Krk u tal-infrastruttura tal-pipelines tal-gass rilevanti hija prevista li tissodisfa biss is-sigurtà strettament meħtieġa tal-ħtiġijiet tal-provvista u ma tkompliż iżżid ulterjorment il-konsum tal-gass fl-Unjoni, peress li għandha l-għan li tissostitwixxi l-kapaċità tal-gass oriġinarjament importat mir-Russja. Il-miżura hija allinjata mal-politika usa' tal-enerġija u l-klima stabbilita mill-Kroazja fl-abbozz tal-Pjan Nazzjonali aġġornat għall-Enerġija u l-Klima. Abbażi tal-analiżi tad-dokumenti ta' sostenn pprovduti mill-Kroazja, il-Kummissjoni tqis li l-miżura ma tipperikolax il-kisba tal-miri klimatiċi għall-2030 tal-Unjoni u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, f'konformità mal-Artikolu 21c(6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (53) Skont id-dokumenti ta' sostenn pprovduti mill-Kroazja, il-miżura hija pplanata li tkun operazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2026, f'konformità mal-Artikolu 21c(6), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (54) L-istima tal-kostijiet totali tal-investiment C7.1 I3 hija EUR 559 000 000 li tirrappreżenta 19 % tal-istima tal-kostijiet tal-miżura inkluża fil-kapitolu REPowerEU, f'konformità mal-Artikolu 21c(9) tar-Regolament (UE) 2021/241.



- (55) F'konformità mal-Artikolu 21c(8) tar-Regolament (UE) 2021/241, id-dħul disponibbli f'konformità mal-Artikolu 10e(1) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> mhux se jikkontribwixxi għall-investiment C7.1 I3 soġġett għad-deroga tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”, peress li l-istima tal-kostijiet tar-riformi u l-investimenti l-oħra tal-kapitolu REPowerEU jaqbz u l-ammont disponibbli għall-Kroazja skont l-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2021/241.

#### Kontribuzzjoni għall-oġġettivi tar-REPowerEU

- (56) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (57) L-investment ġdid C7.1 I3 (Iż-żieda fil-kapaċità tat-terminal tal-LNG fil-gżira ta' Krk u t-tiżiħ tal-infrastruttura tal-gass) huwa mistenni jikkontribwixxi għall-oġġettivi tar-REPowerEU tat-titjib tas-sigurtà tal-provvista u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-Unjoni għall-gass skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/241 billi jimmitiga d-dipendenza fuq il-provvista tal-gass Russu fl-Ewropa tax-Xlokk, b'mod partikolari s-Slovenja u l-Ungerija, li t-tnejn għandhom opzjonijiet limitati ta' rotot tal-provvista tal-gass. Dan l-investment jinkludi l-espansjoni tat-terminal tal-LNG Krk għal 700 000 m<sup>3</sup>/h (6,1 biljun m<sup>3</sup> kull sena (bcm/sena)), u l-espansjoni tal-pipeline Soobin - Bosiljevo, il-pipeline ta' trażmissjoni lejn l-Ungerija, Bosiljevo – Sisak – Kozarac, it-taqsimu Lučko - Zabok tal-interkonnnettur Kroazja – Slovenja. Dan l-investment għandu l-għan li jipprovi rotta alternattiva tal-gass lill-Istati Membri ġirien tal-Kroazja bħas-Slovenja u l-Ungerija, peress li t-terminal tal-LNG Krk diġà għandu biżżejjed kapaċità (2,9 bcm/sena) biex jissodisfa d-domanda annwali Kroata għall-gass.
- (58) L-espansjoni tal-parti tal-investment C7.2 I1 (Ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini) u l-espansjoni tal-investment C7.2 I2 (Rinnovazzjoni ta' bini li saritlu ħsara f'terremoti b'rinnovazzjoni tal-enerġija) huma mistennija jikkontribwixxu għall-oġġettivi tar-REPowerEU li jagħtu spinta lill-effiċjenza enerġetika fil-bini skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241. Dawn l-investimenti jipprovdu fondi addizzjonali għar-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini pubbliku u b'abitazzjonijiet multipli, ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini pubbliku skont il-mudell tal-kumpanija ta' servizzi tal-enerġija (energy service company, ESCO), kif ukoll għar-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini li saritlu ħsara f'terremoti.

(59) L-investiment C7.1 R1-I5 (Il-bijoraffinerija għall-produzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati Sisak), l-espansjoni tar-riforma C7.1 R1 (Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija), l-investiment C7.1 R1-I1 (L-użu tal-idroġenu u tat-teknoloġiji ġodda), kif ukoll l-investimenti ġodda C7.1 R1-I2 (L-istabiliment ta' ekonomija bbażata fuq l-idroġenu (permezz tal-Wied tal-Idroġenu fit-Tramuntana tal-Adrijatiku)) u l-investimenti C7.1 R1-I3 (It-tisħiħ tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport u t-tisħin) u C7.1 R1-I4 (It-tisħiħ tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport u t-tisħin), huma mistennija jikkontribwixxu għall-oġettivi tar-REPowerEU tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi jżidu l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli bħall-bijometan sostenibbli, l-idroġenu rinnovabbli u l-ġeotermali u jżidu s-sehem u jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241. Dawn il-miżuri jikkonċernaw il-bidu tat-tħaddim ta' faċilità tal-bijoraffinerija f'Sisak, l-istabiliment ta' sistema ġdida ta' awtokonsum li taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli, bħall-fotovoltajċi solari fi djar għal familja waħda u bini b'abitazzjonijiet multipli, produzzjoni ġdida tal-idroġenu ta' 10 MW, il-konstruzzjoni ta' sitt stazzjonijiet tal-iċċarċjar tal-idroġenu u sett ta' studji għall-ħżin ġeoloġiku taħt l-art ta' CO<sub>2</sub> fil-Kroazja. Il-miżuri jikkonċernaw ukoll il-kofinanzjament ta' proġetti tal-idroġenu rinnovabbli fil-kuntest tal-Wied tal-Idroġenu fit-Tramuntana tal-Adrijatiku u l-ħatra tal-Aġenzija Kroata għall-Idrokarburi bħala l-korp ta' koordinazzjoni għall-idroġenu fil-Kroazja, il-pjan u l-programm għall-iżvilupp tal-idroġenu kif ukoll l-esplorazzjoni ġeotermali u t-tħaffir għall-iskop ta' tisħin distrettwali, il-produzzjoni tal-bijometan sostenibbli, il-pjan għall-iżvilupp tal-potenzjal ġeotermali u ċ-ċertifikazzjoni tal-bijogass.

- (60) L-espansjoni tal-investiment C7.2 I1 (Ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini) hija mistennija tikkontribwixxi għall-objettiv tar-REPowerEU tal-indirizzar tal-faqar enerġetiku, skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/241, billi tipprovdi allokazżjoni addizzjonali għall-Programm dwar il-Faqar Enerġetiku li għaddej bħalissa.
- (61) L-espansjoni tar-riforma C7.2 R1 (Żieda fl-effiċjenza, tnaqqis tal-piż amministrattiv u diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' rinnovazzjoni) u r-riformi C7.2 R2 u C7.2 R3 (Introduzzjoni ta' mudell ġdid ta' strateġiji ta' tiġdid urban ekoloġiku u l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota għall-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika u l-ġestjoni ċirkolari tal-bini u l-ispazji), huma mistennija jikkontribwixxu għall-objettiv tar-REPowerEU tat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija, skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/241, billi jżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-benefiċċji tat-tranżizzjoni ekoloġika, u jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti tal-infrastruttura ekoloġika.
- (62) L-investiment ġdid C7.1 R1-I6 (It-tiħ tal-kapaċitajiet ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tan-network tal-elettriku) huwa mistenni jikkontribwixxi għall-objettivi tar-REPowerEU taż-żieda tas-sigurtà tal-enerġija u l-indirizzar ta' punti ta' konġestjoni fid-distribuzzjoni tal-elettriku skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-miżura hija mistennija ttejjeb il-kapaċità ta' trażmissjoni tal-elettriku, u t-titjib fit-trażmissjoni tal-elettriku min-Nofsinhar għat-Tramuntana tal-Kroazja.

- (63) L-espansjoni tal-investimenti C7.1 I1 (L-akkwist ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv għat-trasport pubbliku urban u suburban regolari) u C7.1 I2 (Il-programm ta' kofinanzjament għax-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bi fjuwil alternattiv u l-iżvilupp ta' infrastrutturi ta' fjuwils alternattivi għat-trasport bit-triq), kif ukoll l-investimenti ġodda C7.1 R1-I2 (L-istabbiliment ta' ekonomija bbażata fuq l-idroġenu (permezz tal-Wied tal-Idroġenu fit-Tramuntana tal-Adrijatiku)) u C7.1 R1-I4 (It-tisħiħ tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport u t-tisħin), u l-investiment C7.1 R1-I5 (Il-bijoraffinerija għall-produzzjoni tal-bijokarburanti avanzati Sisak), huma mistennija jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU tal-appoġġ għat-trasport b'emissjonijiet żero, skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. Dawn il-miżuri jinkludu l-akkwist ta' 103 xarabank elettriku jew li jaħdmu bl-idroġenu u ta' unità tal-enerġija tal-idroġenu għat-tħaddim ta' lokomottivi elettriċi (HERMES), stazzjonijiet tal-iċċarċjar elettriku aktar mgħaġġel fit-trasport bit-triq, il-modifika retroattiva ta' ħames lokomottivi diżil għall-idroġenu u ħames stazzjonijiet tal-iċċarċjar għall-ferroviji, ix-xarabanks jew it-trasport marittimu, infrastruttura tax-xarabanks elettriċi ġodda u stazzjonijiet tal-iċċarċjar, kif ukoll l-adozzjoni ta' pjan għall-produzzjoni u l-użu ta' bijofjuwils fit-trasport.

- (64) Ir-riforma ġdida C7.2 R4 (L-introduzzjoni ta' mudell ġdid għat-tnejn, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi tal-apprendiment għall-adulti bil-għan tal-iżvilupp ta' ħliet u kompetenzi ekoloġiċi fis-settur tal-kostruzzjoni u moduli xierqa sabiex tiġi inkoraġġuta l-integrazzjoni b'suċċess fis-settur għal ħaddiema barranin minn pajjiżi terzi) hija mistennija tikkontribwixxi għall-objettiv tar-REPowerEU tal-aċċellerazzjoni tal-kwalifikazzjoni mill-ġdid tal-forza tax-xogħol lejn ħliet ekoloġiċi skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/241, billi tintroduċi mudell ġdid ta' programmi tal-apprendiment għall-adulti bil-għan tal-iżvilupp ta' ħliet u kompetenzi ekoloġiċi fis-settur tal-kostruzzjoni għal ħaddiema mhux tal-UE.
- (65) Il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-qafas ta' politika tal-Kroazja li għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jżid is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jsaħħu wkoll dawk inklużi fl-RRP oriġinali dwar il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, it-trasport b'emissjonijiet zero, u jżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli.
- (66) Il-kapitolu REPowerEU jindirizza l-ħtieġa li tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija billi jsaħħaħ il-grilja tal-elettriku, bl-investiment ġdid C7.1 R1-I6 (It-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tan-network tal-elettriku).
- (67) Il-kapitolu REPowerEU jindirizza wkoll il-ħtieġa għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni permezz ta' investiment fil-gass naturali likwifikat u fl-infrastruttura tal-gass, jiġifieri l-espansjoni tat-terminal tal-LNG Krk għal 700 000 m<sup>3</sup>/h (6,1 biljun m<sup>3</sup> kull sena (bcm/sena)) u l-kostruzzjoni tal-pipelines rilevanti għall-esportazzjoni tal-gass lejn l-istati membri ġirien, fl-investiment ġdid C7.1 I3 (Iż-żieda fil-kapaċità tat-terminal tal-LNG fil-gżira ta' Krk u t-tisħiħ tal-infrastruttura tal-gass).

Miżuri li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (68) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punti (b) u (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) ikollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (69) L-investimenti b'dimensjoni multinazzjonali u transfruntiera inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkonċernaw l-espansjoni tat-terminal tal-LNG fil-gżira ta' Krk u tal-infrastruttura tal-pipelines tal-gass rilevanti peress li din għandha żżid is-sigurtà tal-provvista, billi tipprovdu rotta alternattiva tal-gass lejn l-Ewropa tax-Xlokk, b'mod partikolari s-Slovenja u l-Ungerija. L-investimenti fl-aġġornament tan-network tal-elettriku għandhom ukoll dimensjoni transfruntiera, peress li huma mistennija jippermettu l-konnessjoni ta' sehem oġhla tal-enerġija rinnovabbli man-network u jnaqqsu d-domanda għall-fjuwils fossili.
- (70) L-investimenti relatati mal-idroġenu u l-investment fil-bijoraffinerija għall-produzzjoni ta' bjoetanol avanzat, l-investimenti fl-enerġija ġeotermali u l-bijometan sostenibbli għandhom dimensjoni transfruntiera peress li jenħtieġ li jżidu s-sehem u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, u b'hekk inaqqsu d-domanda għall-fjuwils fossili. L-investimenti fl-użu ta' xarabanks tal-fjuwil alternattiv u infrastruttura tal-fjuwils alternattivi huma mistennija jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-investimenti fir-rinnovazzjoni tal-bini huma mistennija jżidu l-effiċjenza enerġetika, u b'hekk inaqqsu d-domanda tal-enerġija u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

- (71) Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi, inkluż billi jindirizzaw l-isfidi identifikati fl-aktar valutazzjoni tal-ħtiġijiet reċenti tal-Kummissjoni, f'konformità mal-obiettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li jqisu l-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat u l-pożizzjoni ġeografika tiegħu u jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jnaqqsu d-domanda għall-enerġija.
- (72) Il-kostijiet totali ta' dawn il-miżuri jammontaw għal total ta' EUR 2 904, 99 li jirrappreżentaw aktar minn 30 % tal-istimi tal-kostijiet tal-kapitolu REPowerEU.

#### Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (73) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, jinkludi miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-obiettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 39,02 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP u 62,63 % tal-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.



- (74) Minħabba t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-RRP tal-Kroazja u l-inklużjoni ta' miżuri ġodda fl-RRP li ma jappoġġawx l-oġġettivi klimatiċi, il-kontribuzzjoni klimatika tal-RRP tnaqqset minn 40,03 % għal 39,02 %. Madankollu, il-kapitolu REPowerEU jipprova appoġġ addizzjonali lit-tranżizzjoni ekoloġika tal-Kroazja, peress li r-riformi u l-investimenti jikkontribwixxu b'mod integrali biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika fil-bini u b'hekk inaqas il-konsum tal-elettriku, inaqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi jżid il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jikkontribwixxi għaż-żieda fis-sigurtà tal-enerġija u jindirizza l-punti ta' konġestjoni fid-distribuzzjoni tal-elettriku, u jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.
- (75) Rigward il-kontribuzzjoni tal-miżuri tal-kapitolu REPowerEU fl-RRP tal-Kroazja għall-kisba tal-miri klimatiċi għall-2030 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, dawn il-miżuri għandhom l-għan li jinkoraġġixxu l-użu ta' sorsi rinnovabbli ta' enerġija billi jintroduċu mudell ġdid ta' awtokonsum u jespandu l-kapaċità tal-produzzjoni tal-idroġenu. Barra minn hekk, il-Kroazja inkludiet ukoll miżuri biex itejbu l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport pubbliku, billi jakkwistaw vetturi elettriċi u mħaddma mill-idroġenu addizzjonali u jtejbu l-kwalità ta' infrastrutturi tal-fjuwil alternattiv fit-trasport bit-triq, kif ukoll biex jallokaw fondi addizzjonali sinifikanti biex jirrinnowaw il-bini biex b'hekk itejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom u jindirizzaw il-faqar tal-enerġija fit-tul.

- (76) Dawn il-miżuri huma mistennija jkollhom impatt dejjiemi billi jaċċelleraw l-eliminazzjoni gradwali ta' fjuwils fossili lejn sistema ta' enerġija rinnovabbli fil-Kroazja. Huma mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-Kroazja u b'hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.

#### Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (77) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 20,09 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (78) Il-valutazzjoni pożittiva rigward il-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali prevista fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tibqa' valida. L-RRP modifikat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali, fosthom billi jżid id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, ta' għadd ta' servizzi diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji kif ukoll investimenti fl-e-Saħħa u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

- (79) Il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u jindirizza l-isfidi li jirriżultaw minnha billi jiddiġitalizza l-ġestjoni tas-sistema tal-enerġija elettrika u billi jkompli l-modernizzazzjoni tan-network ta' trażmissjoni tal-enerġija elettrika Kroat permezz tal-implimentazzjoni tar-riforma C7.1 R1-I6, bil-għan li jtejjeb is-sistema tal-grilja tal-elettriku, iżid il-kapaċità ta' trażmissjoni tal-elettriku, u jittrażmetti aħjar l-elettriku min-Nofsinhar għat-Tramuntana tal-Kroazja. F'konformità mal-Artikolu 21c(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, ir-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU ma tqiesux fil-kalkolu tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' mira diġitali stabbilit minn dak ir-Regolament.

#### Impatt dejjiemi

- (80) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jkollu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) impatt dejjiemi fuq il-Kroazja.
- (81) L-RRP modifikat iżid l-investimenti fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport, u r-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini, kif ukoll jintroduċi investimenti ġodda fl-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-infrastruttura tal-iċċarċjar elettriku u bl-idroġenu u l-produzzjoni tal-bijometan sostenibbli. L-RRP modifikat b'hekk iżomm l-ambizzjoni tal-RRP inizjali filwaqt li jżid il-fokus fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, f'konformità mal-oġettivi tal-REPowerEU. L-RRP modifikat jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp sostenibbli fit-tul permezz ta' investimenti addizzjonali fl-infrastruttura tal-ġestjoni tal-iskart u l-kostruzzjoni/r-rikostruzzjoni tan-network pubbliku tal-provvista tal-ilma.

- (82) L-RRP modifikat isaħħaħ ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika billi jinċentivizza sistema bbażata fuq il-prestazzjoni tal-evalwazzjoni u tal-gwadanji fis-servizz ċivili. Iżid ukoll l-isforz biex jirrifirma s-sistema tal-edukazzjoni lejn tagħlim b'xift wieħed, billi jappoġġa l-infrastruttura meħtieġa tal-iskejjel primarji. Riformi ġodda fis-settur tal-konstruzzjoni jiffokaw fuq l-ekonomija ċirkolari, l-ippjanar urban sostenibbli u l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi. L-RRP modifikat jinkludi wkoll riformi ġodda biex isaħħu r-rwol tas-settur finanzjarju fil-finanzi sostenibbli u jkomplu jiżviluppaw is-swieq kapitali. Ir-riformi u l-investimenti fl-RRP modifikat jenħtieġ li jkomplu jsaħħu l-impatt dejjiemi tal-RRP fuq il-produttività tal-Kroazja u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tagħha.

#### Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (83) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-oġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.

- (84) L-RRP modifikat tal-Kroazja ma jaffettwax b'mod negattiv il-livell ta' ambizzjoni tal-RRP oriġinali. Il-mekkaniżmi ta' verifika rilevanti, is-sistemi ta' ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet jistgħu jiġu kwalifikati bħala çari, robusti u effettivi biex jiżguraw it-tlestija sħiħa u f'waqtha tal-oġettivi intermedji u l-miri. Il-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-istruttura ta' implimentazzjoni tal-RRP, l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-progress u r-rapportar, u l-arranġamenti organizzazzjonali ġenerali tibqa' l-istess.

#### Kostijiet

- (85) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (86) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali kienet li l-istima tal-kostijiet totali tal-RRP kienet moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u kienet proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (87) Il-Kroazja pprovdiet stimi tal-kostijiet individwali għall-investimenti u r-riformi modifikati u ġodda kollha flimkien ma' kost assoċjat inkluż fl-RRP modifikat, li jiddependu fuq diversi sorsi biex jiġġustifikawhom. Dawn jinkludu sejħiet għal proposti speċifikament varati għall-finijiet tal-RRP, kuntratti pubbliċi li jirreferu għal servizzi simili jew investimenti tal-passat ta' natura simili. L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta mill-Kroazja hija fil-biċċa l-kbira dettaljata u sostanzjata biżżejjed. Il-Kroazja pprovdiet stimi u suppożizzjonijiet dwar il-kostijiet bl-użu ta' tabella tal-mudell standard, li kienet maħsuba biex tiġbor fil-qosor l-informazzjoni u l-evidenza ewlenin dwar l-estimi tal-kostijiet, fosthom il-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet. Il-Kroazja ppreżentat ukoll dokumenti u materjali addizzjonali maħsuba biex jiċċaraw l-estimi tal-kostijiet u jipprovdud *data* dwar l-estimi tal-kostijiet u l-punti ta' riferiment dwar investimenti komparabbli li saru fil-passat jew f'pajjiżi oħra għall-biċċa l-kbira tal-miżuri ġodda. Dawn id-dokumenti jinkludu deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet tal-ixpruni u l-bidliet ewlenin fil-kostijiet tal-miżuri modifikati u l-proporzjonalità tagħhom.
- (88) L-ammont tal-istimi tal-kostijiet totali tal-RRP huwa konformi man-natura u t-tip ta' riformi u investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kostijiet għall-miżuri kollha fl-RRP huma meqjusa fil-biċċa l-kbira plawżibbli jew moderatament plawżibbli. Il-Kroazja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-istimi tal-kostijiet totali mhux kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, l-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

## Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

(89) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra biex jipromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

- (90) Il-valutazzjoni oriġinali kkonkludiet dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti ta' kontroll u awditjar proposti mill-Kroazja (klassifikazzjoni A) skont il-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, soġġett għall-issodisfar f'waqtu ta' erba' objettivi intermedji li jappartjenu għal sistema tar-repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP, l-adozzjoni ta' mandat legali għad-Direttorat għall-Analiżi Makroekonomika fil-Ministeru għall-Finanzi bħala l-Korp ta' Koordinazzjoni, u l-Aġenzija għall-Awditjar tas-Sistema ta' Implimentazzjoni tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea (Agency for the Audit of European Union Programmes Implementation System - ARPA) bħala l-Awtorità tal-Awditjar, kif ukoll għall-monitoraġġ, u s-sistema ta' kontroll u l-aġġornament ta' proċeduri. L-istatut tal-ARPA ġie adattat biex jinġiebu f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 u jipprovdi l-mandat legali għat-tweqqif ta' awditi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP.
- (91) Mill-valutazzjoni oriġinali, li ġiet stabbilita abbażi tal-awditu u s-sistema ta' kontroll proposti, il-Kummissjoni kellha aċċess għall-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tal-proċeduri differenti ta' kontroll għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess. Dan jinkludi s-sejbiet preliminari tal-awditu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettaq mill-Kummissjoni fil-Kroazja. L-awtoritajiet Kroati ħadu passi adegwati biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rapport, fosthom aġġornament bir-reqqa tar-regoli li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.



- (92) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP tal-Kroazja hija adegwata b'mod ġenerali. Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP modifikat tal-Kroazja hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti u tidentifika atturi ċari u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-twettiq tal-kompiti ta' kontroll intern. Għal kull komponent/subkomponent, inġatret l-awtorità kompetenti fil-livell ta' ministeru u ta' uffiċċju tal-gvern ċentrali għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti. Is-sistema ta' kontroll intern u arranġamenti rilevanti oħra fl-RRP modifikat tal-Kroazja, inkluż għall-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir u l-ħżin tad-*data*, u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti huma adegwati fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi skont ir-Regolament (UE) 2021/241 u biex jevitaw finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni.

#### Koerenza tal-RRP

- (93) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (94) L-RRP oriġinali tal-Kroazja huwa strutturat madwar ħames komponenti koerenti, inizjattiva waħda, u l-kapitolu REPowerEU, li kollha kemm huma jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita mir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”). Kull komponent huwa mibni madwar pakketti konsistenti ta’ kemm riformi kif ukoll investimenti, b’ miżuri komplementari jew li jsaħħu lil xulxin.
- (95) Il-firxa wiesgħa ta’ miżuri tappoġġa l-oġġettivi komuni tal-istimulazzjoni tal-irkupru tal-ekonomija tal-Kroazja u t-tiŝiħ tar-reżiljenza tagħha għal xokkijiet futuri. L-RRP jinkludi riformi importanti biex itejbu l-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, l-edukazzjoni, l-użu ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u jappoġġaw aktar it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li jipprevedu t-tkabbir sostenibbli u inklużiv.
- (96) L-RRP modifikat jinkludi bidliet fil-ħames komponenti eżistenti kollha u l-inizjattiva 6.1 filwaqt li jdaħħal riformi u investimenti addizzjonali skont il-kapitolu REPowerEU. L-RRP modifikat ma jbidilx il-komplementarjetà tal-ħames komponenti u l-inizjattiva u jkompli jsegwi oġġettivi konsistenti u koerenti. L-espansjoni tal-miżuri u l-miżuri li għadhom kif ġew introdotti skont il-kapitolu REPowerEU jipprovdu saff ġdid ta’ komplementarjetà fit-tranżizzjoni tal-enerġija u l-isforz ta’ dekarbonizzazzjoni billi jikkomplementaw jew isaħħu l-miżuri eżistenti dwar l-enerġija nadifa, il-mobbiltà sostenibbli, u r-rinnovazzjoni ta’ bini.

## Proċess ta' konsultazzjoni

- (97) Matul it-tnejn tal-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, il-Kroazja wettqet proċess ta' konsultazzjoni fil-biċċa l-kbira permezz ta' proċedura ta' feedback bil-miktub għall-komponenti individwali tal-RRP. Il-partijiet ikkonċernati (rappreżentanti tal-ministeri, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet fl-oqsma tas-swieq kapitali, l-enerġija, it-trasport) kellhom l-opportunità jippreżentaw il-proposti għal proġetti tagħhom għall-RRP rivedut u l-kapitolu REPowerEU. Il-korpi nazzjonali responsabbli inkorporaw il-feedback li wasal matul il-konsultazzjoni u armonizzaw il-kontenut tal-kapitolu REPowerEU għid.
- (98) Il-partijiet ikkonċernati, l-awtoritajiet lokali, is-sħab soċjali u l-pubbliku ġenerali ġew aġġornati b'mod regolari dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-pjan fl-avveniment annwali tal-Kroazja dwar l-implimentazzjoni tal-RRP. L-RRP modifikat jipprevedi aktar konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali jew mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar riformi ewlenin. Biex tiġi żgurata sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat għall-irkupru u r-reżiljenza inkluż il-kapitolu REPowerEU.

## Valutazzjoni pożittiva

- (99) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b' mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-oġettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' finanzjament li ma jitħallasx lura u l-appoġġ fil-forma ta' self.

## Kontribuzzjoni finanzjarja

- (100) L-istimi tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, tal-Kroazja huma ta' EUR 10 040 701 600. Peress li l-ammont tal-istimi tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Kroazja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP modifikat tal-Kroazja, inkluż il-kapitolu REPowerEU, tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Kroazja inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ugwali għal EUR 5 510 316 213.

- (101) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fil-31 ta' Awwissu 2023, il-Kroazja ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija msemmija fl-Anness IVa ta' dak ir-Regolament. L-istimi tal-kostijiet totali tar-riformi u l-investimenti li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/241 inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma ta' EUR 2 366 650 094. Peress li dan l-ammont huwa oġġla mill-allokazzjoni disponibbli għall-Kroazja, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali li ma jitħallasx lura disponibbli għall-Kroazja jkun daqs din l-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ugwali għal EUR 269 037 883.
- (102) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, fl-1 ta' Marzu 2023, il-Kroazja ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja li fadal kollha tagħha mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit lill-Faċilità, li tammonta għal EUR 7 190 532. Jenħtieġ li dak l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali li ma jitħallasx lura.
- (103) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għall-Kroazja jenħtieġ li tkun ta' EUR 5 786 544 628.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

## Self

- (104) Barra minn hekk, sabiex tappoġġa r-riformi u l-investimenti addizzjonali, il-Kroazja talbet appoġġ fil-forma ta' self ta' EUR 4 254 156 972, b'mod partikolari EUR 2 649 421 679 biex tappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU u EUR 1 604 735 293 biex tappoġġa r-riformi u l-investimenti l-oħra fl-RRP. Il-volum massimu tas-self li ntalab mill-Kroazja huwa aktar minn 6.8 % tad-dħul nazzjonali gross għall-2019 tagħha fi prezzijiet attwali. L-ammont tal-istimi tal-kostijiet totali tal-RRP huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Kroazja, inkluż il-kapitolu REPowerEU u l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura, id-dħul mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE, u mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit. Il-Kroazja talbet ammont ta' self addizzjonali biex tindirizza l-aġġustament 'l isfel ta' EUR 785 114 933 tal-kontribuzzjoni finanzjarja li ma titħallasx lura. L-ammont addizzjonali tas-self jenħtieġ li jappoġġa ż-żieda fl-ambizzjoni fis-settur tal-ġestjoni tal-ilma, is-settur tat-trasport u l-educazzjoni.

## Prefinanzjament tar-REPowerEU

- (105) Il-Kroazja talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tagħha: it-trasferiment ta' EUR 7 190 532 mill-allokkazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 269 037 883 mid-dħul mill-Iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE u EUR 2 649 421 679 fil-forma ta' self.

- (106) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Kroazja talbet prefinanzjament ta' EUR 585 130 019, jiġifieri 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kroazja soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni u l-Kroazja skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u f'konformità magħhom, u skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament.
- (107) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Kroazja tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Kroazja hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

### *“Artikolu 1*

#### *Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Kroazja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti u l-oġettivi intermedji u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-oġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;



(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kroazja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li tammonta għal EUR 5 786 544 628\*. Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 4 631 762 551, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;
- (b) l-ammont ta' EUR 878 553 662, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (c) ammont ta' EUR 269 037 883\*\*, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għal riformi u investimenti li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f), ta' dak ir-Regolament;
- (d) l-ammont ta' EUR 7 190 532, ittrasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.

2. L-ammont ta' EUR 55 245 683 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi żborżat mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u ħlasijiet parzjali f' segment wieħed jew f' diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament..

---

\* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Kroazja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

\*\* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Kroazja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.”;

(3) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

*“Artikolu 2a*

*Appoġġ fil-forma ta' self*

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kroazja self li jammonta għal massimu ta' EUR 4 254 156 972.
2. L-appoġġ fil-forma ta' self imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kroazja mill-Kummissjoni fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-ammont ta' EUR 529 884 336 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi żborżat mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.  
  
Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
4. Il-prefinanzjament imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim u f'konformità miegħu skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 (il-“ftehim ta' self”). Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagamenti tal-ħlasijiet parzjali.
5. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' self għandu jkun kundizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Kroazja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-oġġettivi intermedji u l-miri addizzjonali koperti mis-self u identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU. Sabiex tkun eliġibbli għal pagament, il-Kroazja għandha tlesti l-oġġettivi intermedji u l-miri addizzjonali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.”;

(4) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---